MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Numru 151/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**vs**

**Darren Debono**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Darren Debono ta’ 25 sena, imwieled Pieta’ fis-27 ta’ Mejju 1977, iben Paul u Josephine nee’ Mifsud, residenti Stella Maris, Triq l-Iskola, Marsa u detentur tal-karta tal-identita’ numru 247477(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. F’dawn il-Gzejjer, fis-sitta ta’ Frar 2003 kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess

ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu.

2. Fis-sitta ta' Frar 2003 kellu fil-pussess tieghu pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Sar recediv fit-terminu ta' Art 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel fit-22 ta' Frar 1995 Awla 6.

Rat l-Ordni tal-Avukat General esebit a fol. 11 tal-process u datat 7 ta' Frar 2003 fejn ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta) ordna li l-imputat Darren Debono jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-kontr-ordni esebit a fol. 114 tal-process datata 15 ta' Dicembru 2003 fejn ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta) l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti fil-kompetenza surreferita sabiex iwiegeb ghall-akkuzi mahruga fil-konfronti tieghu taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat il-provi ;

Rat is-Social Inquiry Report imhejji fil-konfronti tal-imputat u nserit a fol. 183 et sequitur tal-process.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fis-6 ta’ Frar 2003 l-Iskwadra Kontra d-Droga rceviet informazzjoni li certu Darren Debono li kien jahdem bhala mechanic gewwa garaxx Santa Venera kien fil-pussess tad-droga u kien qed jaghmel uzu minn vettura tat-tip Skoda. Abbazi ta’ din l-informazzjoni WPS45, PS536, PC553 u PC579, lkoll membri tal-Iskwadra Kontra d-Droga, marru fil-vicinanzi tal-imsemmi garaxx sabiex jissorveljaw l-attivita’ ta’ dan l-individwu u huma setghu jikkonstataw li huwa kien ghadu x-xoghol. Meta spicca mix-xoghol ghall-habta tal-5.30pm huwa telaq minn fuq il-post bil-vettura tal-marka Skoda bin-numru tar-registrazzjoni OFF 103 u l-Pulizija bdew isegwuh bil-vettura taghhom. F’mument minnhom deher li l-imsemmi Darren Debono, li fil-mori ta’ dawn il-proceduri gie identifikat mill-erba membri tal-korp tal-Pulizija hawn fuq imsemmija, bhala l-imputat odjern, kien induna bil-prezenza tal-Pulizija u WPS 45 Marisa Bartolo xehdet li kienet rat lill-imputat jarmi xi boroz li kien jidher li fihom sustanza bajda mit-tieqa tal-vettura tieghu. Il-Pulizija waqfuh, elevaw is-sustanza minn fejn kienet giet mormija u ghamlu tfitxija fil-vettura tal-imputat fejn taht is-seat instab mizien elettroniku u xi boroz tal-plastik, liema boroz kienu simili ghal boroz li gew mormija mill-imputat u sussegwentement elevati mill-Pulizija. Dwar din is-sejba ta’ sustanza suspettata li kienet droga gie infurmat il-Magistrat tal-Ghassa u fil-fatt saret Inkjesta Magisterjali (process verbal relattiv inserit a fol. 22A tal-process) fejn inhatru diversi esperti sabiex jassistu lil Magistrat Inkwirenti u li n-nomina taghhom giet debitament ikkonfermata f’dawn il-proceduri. Saret ukoll tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn fil-kamra tieghu instab ammont zghir tal-pjanta tal-cannabis. L-oggetti kollha elevati mill-

Pulizija gew mghoddija lill-esperti mahtura mil-Magistrat Inkwirenti sabiex jigu analizzati.

L-espert Godwin Sammut li xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza tal-24 ta' April 2003 fejn ipprezenta r-rapport tieghu ikkonkluda is-segwenti:-

(a) Li ma nstabux tracci tas-sustanza *Tetrahydrocannabinol* fl-estratti li gew mehuda mill-frak ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument 03 AJQ 202 u lanqas nstabu fuqhom it-*trichomes* ;
(b) Li nstabu tracci tas-sustanza *Tetrahydrocannabinol* fl-estratti li gew mehuda mill-frak ta' lewn kannella w ahdar mid-dokument 03 AJQ 203. Fuq dan il-frak li kien fid-dokument 03 AJQ 203, instabu fuqhom it-*trichomes*. It-*trichomes* huwa fatizzi li jkollhom fuqhom il-weraq tal-pjanta tal-Kannabis ;
(c) Is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) Li l-mizien li kien hemm fid-dokument 03 AJQ 201 kien f'kundizzjoni li jahdem ;
(e) Li mis-*swabs* mehuda mill-mizien instab fuqu s-sustanza Kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht ir-Raba Parti tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta .
(f) Illi fl-estratti mehuda mit-trab bajdani li kien hemm fid-dokumenti 03 AJQ 204A u 03 AJQ 204C instabet is-sustanza Kokaina. Il-piz tat-trab kien 101.21g u l-purita kienet ta' cirka 70% u 90% rispettivament. Din is-sutanza hija kkontrollata bil-ligi taht ir-Raba Parti tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat li gie arrestat u nterrogat fl-imsemmija data irrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 34 sa 36 tal-process) fejn ghazel li ma jwiegeb ghal ebda domanda maghmula lilu. Huwa l-anqas ma xehed f'dawn il-proceduri izda ressaq xhieda bhall-ex-employer tieghu Joe Cordina, li xehed fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2005, Anthony Bonello, l-employer ta' missieru, li xehed waqt l-udjenza tas-17 ta' Novembru 2005, u Paul Zammit li xehed fl-udjenza tal-20

ta’ Marzu 2009, li lkoll ikkonfermaw li fiz-zmien in dizamina l-imputat kellu problema ta’ abbuz mid-droga. Paul Zammit inoltre indika li l-imputat kien jabbuza mid-droga kokajina u li huwa kien avvicinah sabiex jghinu jeghleb il-problema. Mis-Social Inquiry Report ukoll jirrizulta li l-imputat kien jabbuza mid-droga kokaijna izda li f’dawn l-ahhar sentejn huwa kien ghamel tenttativi serji sabiex jeghleb din il-problema u meta sarulu l-urine tests dawn irrizultaw fin-negattiv ghall-kokajina u l-morfina u posittivi ghall-cannabis.

Ikkunsidrat:

Illi f’dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta’ pussess aggravat tad-droga kokajina u cioe’ b’pussess f’cirkostanzi li juru li d-droga li nsabet fil-pussess tieghu ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu, kif ukoll b’pussess semplici tal-pjanta canabis jew bicca minnha u li sar recidiv ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap 9. Wara li ezaminat bir-reqqa l-atti processwali l-Qorti setghat tikkonstata li l-kwisjtoni kollha f’dan il-kaz tirrivolvi dwar jekk il-pussess tas-sustanza kokajina kienx wiehed semplici u cioe’ ghall-uzu esklussiv tal-imputat kif qed issostni d-Difiza jew altrimenti jekk dan kienx pussess aggravat u cioe’ li l-pussess kien wiehed f’cirkostanzi tali li jindikaw li d-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat fil-fatt ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu, kif qed issostni l-Prosekuzzjoni. Kif jirrizulta mir-rapport tal-espert Godwin Sammut il-piz tat-trab li nstab fil-pussess tal-imputat kien ta 101.21grammi u l-purita’ tal-kokajina li nstabet fiz-zewg boroz kienet ta’ 70% u 90%. Mix-xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud (traskrizzjoni relattiva inserita a fol. 203 et sequitur jirrizulta li minn statistika fuq livell Ewropew jirrizulta li bniedem dipendenti fuq id-droga kokajina jikkonsma average ta’ zewg (2) grammi kuljum. Il-Prosekuzzjoni ghalhekk tirritjeni li l-fatt li l-ammont li nstab fil-pussess tal-imputat jeccedi bil-bosta dan l-ammont ta’ zewg grammi kif ukoll il-fatt li instab mizien elettroniku fil-pussess tal-imputat ghandhom jindikaw minghajr ombra ta’ dubju li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-imputat. Id-Difiza min-naha l-ohra issostni li mill-provi jirrizulta li l-imputat fiz-zmien in dizamina kellu problema serja ta’ abbuz tal-

kokajina u li l-ammont misjub u sejbien tal-mizien wahidhom ma jistghux jitqiesu bhala prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-kokajina ma kienitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat. Id-Difiza ssostni li persuna daqshekk dipendenti fuq il-kokajina ma toqghodx tixtri zewg grammi kull darba li trid tikkonsma din id-droga izda bhal persuna li tpejjep ghaxar sigaretti kuljum izda tixtri pakkett li jkun fih ghoxin sigarett anki persuna dipendenti fuq il-kokajina tixtri aktar milli tikkonsma ta' kuljum u dan sabiex ikollha supply disponibbli ghall-konsum. Id-Difiza tiggustifika l-prezenza tal-mizien fil-vettura tal-imputat billi tghid li huwa pjuttost normali li bniedem dipendenti fuq il-kokajina u li jkun qed jixtri droga ta' certu purita, bhal ma rrizulta li kienet il-kokajina fil-kaz odjern, ikollu mizien elettroniku sabiex jaccerta ruhu li huwa qed jinghata l-ammont preciz li jkun qed ihallas ghalih. Id-Difiza inoltre issostni l oltre l-ammont ta' droga innifsu u s-sejbien tal-mizien ma kienx hemm cirkostanzi ohra, bhal per ezempju xi telefonati suspettuzi rintraccjati minn fuq il-mobile phone li gie levat minn fuq l-imputat jew xi lista ta' nies, li jindikaw li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet « Il-Pulizija vs Marius Magri » (12.5.2005) dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certu diffikulta' sabex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew altrimenti sabiex tigi spaccjata. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel ampja referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri f'sentenza ricenti datata 9 ta' Marzu 2010 fil-kawza fl-ismijiet « Il-Pulizija vs Ninian Mangion » fejn intqal is-segwenti:-

Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (ara App. Krim « **Il-Pulizija vs Carmel Degiorgio** » (26.8.1998). Meta l-ammont tad-droga ikun

pjuttost sostanzjali, din tista’ tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : « **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** » (2.9.1999).

Illi pero’ kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi ‘*hard and fast rule’* x’inhuma dawn ic-cirkostanza ndikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatt, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b’ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli (App. Krim. « Il-Pulizija vs Brian Caruana » (23.5.2002).

Huwa risaput li l-ammont ta’ droga li tinstab hija wahda mill-fatturi determinanti li l-Qrati jistghu jibbazaw ruhhom fuqu sabiex jiddeterminaw jekk il-pussess kienx wiehed aggravat jew altrimenti semplici izda il-Qrati taghna f’diversi okkazzjonijiet irritenew li pussess ta’ ammont sostanzjali ma kienx jammonta ghall-pussess aggravat. Din il-Qorti wara li kkunsidrat l-ammont ta’ droga li nstabet fil-pussess tal-imputat, wara li kkunsidrat il-fatt li nstab mizien elettroniku fil-vettura tal-imputat flimkien ma boroz tal-plastik vojta, li fil-fehma tal-Qorti hija prova cara li l-intenzjoni tal-imputat fil-fatt kienet li jaqsam id-droga li kellu fil-pussess tieghu f’dawn il-boroz sabiex jispaccjaha, tinsab moralment konvinta li l-pussess tad-droga kokajina in dizamina ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat fl-ebda mument ma kkontesta li d-droga cannabis li nstabet fil-kamra tieghu ma kienitx tieghu u huwa ghalhekk sejjer jigi misjub hati anki tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

L-imputat jinsab ukoll akkuzat li sar recidiv ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali b'sentenza tat-22 ta' Frar 1995. Minn ezami ta' kopja ta' din is-sentenza li tinsab inserita a fol. 78 tal-process jirrizulta li huwa nstab hati ta' ksur ta' paci pubblika u li qal kliem oxxen fil-pubbliku, u cioe' ta' kontravenzjonijiet u kwindi ghandu japplika l-Artikolu 53 tal-Kodici Kriminali ghal finijiet ta' recidiva u ghalhekk l-imputat ma jistghax jitqies li huwa recidiv stante li r-reati li taghhom qed jinstab hati fil-kawza odjerna gew kommessi fi Frar 2003 filwaqt li huwa instab hati fi Frar 1995.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali relattivament netta tal-imputat, id-dewmien f'dawn il-proceduri, liema dewmien ma kienx kollu attribwibbli lill-imputat kif ukoll il-fatt li mis-Social Inquiry Report jidher li huwa qed jaghmel l-ghalmu tieghu sabiex jeghleb il-problema tad-dipendenza mid-droga u ghalhekk sejra tapplika piena karcerarja fil-minimum.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 8(d), 9 10, 11, 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Ewwel Skeda u r-Raba' u s-Sitt Taqsima tal-istess Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939) u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) u t-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sitt(6) xhur prigunerija u multa ta' tmien mit Ewro (€800). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' mitejn u disgha u disghin ewro u tnejn u tletin ewro centezmi (€299.32) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita liema distruzzjoni ghandha ssir taht is-sorveljanza tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------